



# L-Artali u l-Kappelli li jżejnu l-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata Tarxien (5)

**Philip Grech**

Bħas-sena l-oħra qiegħed nagħti xi tagħrif fuq l-altari tal-Knisja Parrokkjali tagħna. L-aħħar kappella li hemm bejn dik ta' Santa Katerina u l-bieb li hemm fil-faċċata tal-Knisja ddedikata lil San Franġisk t'Assisi (illum l-Altar tal-Qalb ta' Ġesù). San Franġisk ma kellu l-ebda altar iddedikat lilu la fil-parroċċa l-qadima u anqas f'xi waħda mill-knejjes tar-raħal sa meta bdiet tinbena l-knisja l-ġdida.

Waqt il-viżta pastorali tas-sena 1627 deher Mattew Portelli li xi snin qabel kien żar lil dik il-kappella ġa mibnija imma kienet għadha mingħajr altar. Għaldaqstant kien talab lill-Isqof jagħtihielu biex hemm jibni dan l-altar. L-Isqof Cagliares kien laqa' t-talba tiegħu u hu min-naħa tiegħu kien wiegħed li jipprovdiha b'dak li kienet teħtieġ. Mill-viżta pastorali tas-sena 1745, nafu li l-Isqof Cagliares kien ta din il-kappella lill-imsemmi Portelli b'reskritt ta' 1 ta' Marzu tal-1624 u li dan kien waqqaf issir il-festa ta' San Franġisk nhar l-4 ta' Ottubru ta' kull sena, b'kitba reġistrata fl-atti tan-Nutar Salvu Ciantar fil-15 ta' Awwissu 1637.

Fuq dan l-altar, li kien tal-ġebel kien hemm kwadru bix-xbihat tal-Madonna u San Franġisk, iżda aktar tard żdiedet ukoll ix-xbiha ta' Fra Leone. Dan il-kwadru tbiddel bejn is-snin 1688 u 1693. Fis-sena 1653 jingħad illi l-kwadru ta' dan l-artal kien qadim ħafna u kellu gwarniċ tal-injam. Dan kien qiegħed fuq skannel tal-injam li bih kien mogħni l-altar ta' din il-kappella. Il-kwadru li ltqajna miegħu s'issa tbiddel bejn is-sena 1686 u 1693. Mastru Ġann Portelli ħa ħsieb biex jiġi mpitter kwadru ġdid fuq it-tila. F'dan il-kwadru kien hemm ix-xbieha tal-qaddis għarkupptejh quddiem il-Madonna li kellha l-Bambin Ġesù f'idejha.

Wara li sar dan il-kwadru, dawru bi gwarniċ tal-ġebel u qiegħdlu maġenbu kolonna li kellhom skultura fil-ġebel. B'hekk wieħed jista' jgħid li dan kien l-ewwel artal f'din in-naħa tal-korsija li ġie mżejjen b'xogħol ta' skultura fil-prospettiva tiegħu. Wieħed jinħolqulu xi suspetti jekk dan ix-xogħol ta' 19-il skultura ġiex modifikat sas-sena 1723. Ir-raġuni ta' dan hi din li ġejja. Fid-deskrizzjoni tal-prospettiva ta' dan l-artal li għandna fl-atti tal-viżta ta' dik is-sena, waqt li l-kolonni ltqajna magħhom snin qabel ma jissemmewx aktar, jingħad li l-kwadru kien imdawwar b'diversi anġli skolpiti fil-ġebla. Tgħid il-prospettiva li kien hemm qabel biex ġabuha tixbah lil dik li, dak iż-żmien, kien hemm fiż-żewġ altari, ta' dik in-naħa tal-korsija? Ma nistax ngħid x'ġara jew ma ġarax. Hu x'inhu, wara kollox reġa' nbidel, bħalma ġa rajna li ġara fil-kappelli l-oħra wara li ġew absidati. L-atti tal-viżta pastorali tal-1737 jgħidulna illi fuq l-altar ta' din il-kappella kien imdawwar bil-ġebel li kien għad irid jiġi skolpit ħalli jiġi jixbah l-altar tal-kappella l-oħra.





Dan l-arranġament donnu li ma tantx dam għaliex għall-ħabta tal-1770 ix-xbieha ta' San Franġisk tilef ftit mill-importanza tagħna u minħabba f'hekk sar kwadru ieħor ġdid. Din id-darba fil-parti ċentrali ġiet impittra x-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù, b'San Franġisk u Santa Tereża D'Avila fin-naħa t'isfel, xogħol il-pittur Franġisku Zahra (1770–73), wieħed mill-aqwa artisti Maltin tas-Seklu Tmintax.

Il-Kav. Rafel Bonnici Calì, jgħid li dan il-kwadru aktarx l-ewwel xbieha tal-Qalb ta' Ġesù li daħlet fil-knejjes ta' Malta. Kien b'digriet tal-E.T. Mons. Pietro Pae (1889–1914) tat-3 ta' Ġunju 1896, li l-W.R. Dun Franġisk Attard (1876–1921) waqqaf fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien l-Għaqda Riparatriċi tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù bl-iskop ewlieni li tirripara b'quddiesa bis-Sagrament Espost Solenni kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, bit-tqarbina u b'opri tajba oħra bi tpattija għall-offiżi u disprezz li kontinwament inikktu lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

**Referenzi:**

**Ħal Tarxien**, Vincet Battistino
**Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien**, Vince Borg
**'Tarxien' Rivista Parrokkjali**, Rafel Bonnici Calì.

JM
HARDWARE STORE



paints – tools – key cutting – plumbing – electrical fittings

Good price on all kind of paints

*Delivery Free*

open all day from 7.00am to 7.00pm
Saturday from 7.00am to 2.00pm
St Thomas Street, Fgura
Tel: 2180 8885